MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 81/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Chik Ali Olian**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Chik Ali Olian talli:

(1) fil-kapacita` tieghu ta' persuna li jhaddem, nhar-is 26 ta' Novembru 2009, matul il-gurnata u/jew fil-granet ta' qabel fis-sit ta' kostruzzjoni sitwat fi Triq Santa Marija, Birkirkara naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qed isir, u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol;

(2) fil-kapacita` tieghu ta' persuna li jhaddem, [naqas li] jizgura li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-disposizzjonijiet specifikata fi Skeda 2 tal-Ordni u jizgura li fejn hemm il-prezenza ta' aktar minn riskju wiehed jehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji nvoluti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' taghmir protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta` tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali u tizgura ukoll li jekk ic-cirkostanzi tat-taghmir protettiv personali u jizgura ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqas li jizgura li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizgura li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqas milli jara li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqas ukoll li jizgura li jigi kkonsultat ir-Rapprezentanta ghas-Sahha u s-Sigurta` tal-haddiema;

(3) fl-istess lok, zmien u cirkostanzi bhala persuna li jhaddem, naqas li jiehu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati perikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tard, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta`. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu provduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti tal-access u arnessi ta' sigurta` jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta`. Naqas ukoll li jizgura

li poggamani ta’ protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien;

(4) sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija mill-Magistrat Dr A Vella LL.D nhar-is 7 ta’ Mejju 2008 liema sentenza hija definittiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 6(1)(2) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta’ l-Avviz Legali 121/03 u r-regolament 5 ta’ l-Iskeda IV (parti B) ta’ l-Avviz Legali 281/2004, kif ukoll l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Chik Ali Olian hati u kkundannatu multa ta’ elf euro (€1000);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Chik Ali Olian pprezentat fis-26 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa li ma kienx l-persuna li kien ihaddem u ghalhekk ma setax jinstab hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti. Jghid illi huwa ma kien qieghed ihaddem lil hadd izda kien qieghed jahdem ma’ haddiehor. Difatti huwa jahdem ma’ numru ta’ haddiema ohra kollha Sirjani, u dawn jahdmu bhala “guy” fuq il-lant tax-xoghol.

Issa, Clint Cachia, ufficjal tas-sahha u sigurta` jghid illi meta hu u kollega tieghu marru fuq il-post in kwistjoni “kien hemm qed jahdem Chik Ali Olian … u kellu tliet haddiema jahdmu mieghu”. Jghid li kellmu lil sid il-post, certu David Mifsud, li qallhom li kien qabbad lill-appellant li

kien gab il-haddiema mieghu. X'seta' qal David Mifsud lil Clint Cachia huwa *hearsay*, izda l-appellant stess meta xehed qal li kien cempillu wiehed Malti li qallu li kellu bicca xoghol u kien mghaggel hafna. Ikompli l-appellant: "Cempilt lil shabi u ghidtilhom ejja nahdmuha flimkien, jien u inthom, mhux wahdi." Jghid li dawn ma kinux impjegati mieghu izda kienu bi shab. Pero` in kontro-ezami rega' qal li s-sid kien qabbad lilu. Zied jghid ukoll li meta x-xoghol ikun lest ihallas lilu, izda jiehdu ndaqs.

Issa, l-artikolu 2 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-frazi "min ihaddem" tfisser:

**"il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizzi, u**

**(*a*) ghal dak li jirrigwarda xoghol maghmul taht kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, izda ma tinkludix id-diretturi, *managers*, socji jew sidien, okkupanti jew possessuri li ghalihom ikun qed isir ix-xoghol, minbarra fil-kaz fejn ghodod, materjal jew taghmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu maghrufa u ma gewx indikati, jew li setghu ikunu maghrufa;**

**(*b*) ghal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-ohra kollha, inkluzi dawk volontarji, jew ghal dak li jirrigwarda xi forma ohra ta' impieg taht kuntratt ta' servizz, tinkludi kull wahda mill-persuni li tidderiegi fuq kullhadd jew li tiehu hsieb it-tregija ta' kuljum".**

Il-persuna responsabbli f'dan il-kaz kien l-appellant. *Ex admissis* jghid li kien <u>hu</u> li tqabbad minn sid il-post biex jaghmillu x-xoghol. Kien <u>l-appellant</u> li ntrabat biex jaghmel ix-xoghol. Kien <u>hu</u> li sab lil shabu biex jahdmu l-bicca xoghol flimkien. Kien <u>hu</u> li kien se jithallas mis-sid. X'kienet ir-relazzjoni ta' bejn l-appellant u shabu hija xi

haga interna bejniethom. Interessanti mbaghad, dak li xehed l-appellant dwar meta l-ufficjali tas-sahha u sigurta` qalulu li l-*iscaffolding* ma kienx tajjeb. Jghid: “Ghidtlu xi trid naghmel? Qalli zarmaha. Imbaghad zarmajtha quddiemu mill-ewwel. U l-haddiema ukoll l-istess, mhux wahdi” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Jigifieri kien l-appellant li kellu jitqies bhala l-kuntrattur f’dan il-kaz. Konsegwentement dan kien jimponi fuqu l-obbligi kollha ta’ “min ihaddem” ghall-finijiet tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’hekk l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------